# SANTA MARIA MATERDOMINI

## Santa Marija Omm il-Mulej – il-knisja f'gieha tinsab gewwa Nocera ta' Fuq, Salerno.




Fis-sena 1041 il-Vergni Mbierka dehret lil mara bidwija fqira li kienet qed tistrieh taht sigra tal-balluta. Marija stiednet lil mara biex tghid lill-popolazzjoni thaffer taht il-balluta, ghax hemm kien hemm xbiha taghha. Izda l-mara bezghet tiffaccja l-opinjoni pubblika u sarret kollox go fiha.



Ftit taz-zmien wara l-mara kellha vizzjoni: il-ballutta fejn dehritilha l-Madonna kienet miksija bi tlett ilsna tan-nar u fuq is-sigra telghet shaba tarmi l-fwieha. Fl-istess hin suldat iltaqa' fin-nahat ta' dik is-sigra tal-balluta ma' serp mostru li kien ibezza' il-dawk in-nahat: wara li sejjah l-ghajnuna ta' Marija huwa affronta is-serp u qatlu.

Il-mara rahhala mbaghad iddecidiet li titkellem u kkonvinciet lill-abitanti taz-zona biex ihaffru taht il-balluta fejn sabu biss il-fdalijiet ta' bir antik. L-abitanti kienu dizappuntati, dahqu biha u rridikolawha, u ironikament laqqmuha Caramari jigifieri ghaziza ghal Marija.

Ftit tas-snin wara l-mara bidwija regghet rat lill-Vergni li ordnatilha tinsisti ma' l-abitanti ta' l-inhawi biex ihaffru taht il-bir u bhala prova tal-presenza taghha hallitilha hagra prezzjuza li nqalitilha mic-curkett taghha. Meta l-Madonna ghebet, il-mara bidwija ma setghetx tara aktar. Kienet ghamiet.

L-abitanti tal-pajjiz kollhom moghdrija fehmu li kellhom ikomplu l-iskavi: sabu l-hagra prezzjuza u mharsa minn zewg cangaturi tal-irħam, ikona antika ta' stil Biżantin li turi lill-Verġni u l-Bambin, filwaqt li Caramari regghet giet tara.

L-ikona datata bejn is-seklu 4 u 6 inzammet f'kappella mibnija apposta u kkonsagrata fis-sena 1061 mill-Papa Nikola II. Fiz-zmien is-sejba l-ikona ma kelliex isem, biss wara nghatat it-titlu ta' Mater Domini (Omm il-Mulej) Id-devozzjoni lejn ix-xbiha sagra, imsahha minn bosta mirakli (qawmien tal-mejtin, fejqan tal-ghomja, ossessjonati, paralizzati, eċċ.), kibret malajr.



Bhalissa l-ikona tinzamm f'tempju zghir armonjuz ta' l-irham polikromu, xoghol ta' l-artist Naplitan (1641). It-tempju jibqa' maghluq f'bazilka mill-isbah ta' stil neoklassiku, rikk fil-pitturi, stucco indurat, irham u xoghlijiet ta' artisti tas-seklu 17 u ta' wara.

Is-santwarju u x-xbiha kienu fil-bidu taht il-kustodja tal-Patrijiet Umiljati maghrufa wkoll bhala s-Sacerdoti Bojod, mill-1631 sal 1829 taht il-patrijiet Braziljani li gew minn Grottaferrata; succesivament huma l-Patrijiet Fragiskani Minuri li huma responsabbli minn dan is-santwarju marjan.  Piju Xi ta t-titlu ta' Bazilka Minuri lis-Santwarju fis-sena 1923.

Fl-1931 kien iddikjarat Monument Nazzjonali.

Fost it-taqlib tal-ġrajjiet tal-istorja, gwerer, rivoluzzjonijiet, soppressjoni Napoleonika u Naplitana, kataklizmi naturali bħall-eruzzjonijiet tal-Vesuvju, terremoti, l-aħħar wieħed fl-1980, is-santwarju tal-Madonna Omm il-Mulej gewwa Nocera jibqa' ezempju ta' dawl religjuz u civili fit-territorju ta' Nocera u l-Campania. Id-devozzjoni tal-fidili qatt ma falliet, il-poplu jersaq lejn Materdomini biex ifaħħar lil Marija u mingħandha jikseb grazzji u għajnuna fil-mixja tal-fidi.

Id-dehra generali tal-kursija tal-bazilka u mal-gemb taht wahda minn navati jidher is-santwarju marjan.





Id-dehra esterna tal-bazilka Materdomini



. Dettal tal-knisja minn gewwa

IX-XBIHA TAL-MADONNA MATERDOMINI.

